

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**► **C1** REGOLAMENTO TAL-KUNSILL (KE) Nru 111/2005

tat-22 ta' Diċembru 2004

li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn ► **M1** l-Unjoni ◀
u pajjiżi terzi ◀

(ĠU L 333M, 26.1.2005, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament (UE) Nru 1259/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013	L 330	30	10.12.2013
► <u>M2</u>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1443 tad-29 ta' Ġunju 2016	L 235	6	1.9.2016
► <u>M3</u>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/729 tas-26 ta' Frar 2018	L 123	4	18.5.2018
► <u>M4</u>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1737 tal-14 ta' Lulju 2020	L 392	1	23.11.2020
► <u>M5</u>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1518 tad-29 ta' Marzu 2022	L 236	1	13.9.2022
► <u>M6</u>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/196 tal-25 ta' Novembru 2022	L 27	1	31.1.2023
► <u>M7</u>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1331 tat-28 ta' Frar 2024	L 1331	1	14.5.2024

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 51M, 24.2.2009, p. 231 (111/2005)
 ► **C2** Emendi, Ġ.U. L 282, 5.8.2021, p. 38 (2020/1737)

▼B

▼C1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 111/2005

tat-22 ta' Diċembru 2004

li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn ►M1 l-Unjoni ◄ u pajjiżi terzi

KAPITOLU I

SUĠĠETT U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ bejn ►M1 l-Unjoni ◄ u pajjiżi terzi f'ċerti sustanzi li jintużaw spiss għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi (minn issa 'l quddiem imsejħin "prekursuri ta' drogi") bil-għan li jipprevjeni d- devjazzjoni ta' tali sustanzi. Huwa japplika għall-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u l-attivitàjiet intermedjarji.

Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal regoli speċjali f'oqsma oħra relatati ma' kummerċ ta' merkanzija bejn ►M1 l-Unjoni ◄ u terzi pajjiżi.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

▼M1

- (a) "sustanza skedata" tfisser kwalunkwe sustanza elenkata fl-Anness li tista' tintuża għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi, inklużi taħlitiet u prodotti naturali li fihom sustanzi bħal dawn, iżda jeskludu taħlitiet u prodotti naturali li fihom sustanzi skedati u li huma magħmula b'tali mod li s-sustanzi skedati ma jkunux jistgħu jintużaw jew jiġu estratti faċilment permezz ta' mezzi li huma applikabbli faċilment jew ekonomikament vijabbli, prodotti mediċinali kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ u prodotti mediċinali veterinarji kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, ħlief prodotti mediċinali u prodotti mediċinali veterinarji elenkati fl-Anness;

▼C1

- (b) "sustanza mhux klassifikata" tfisser kwalunkwe sustanza li, għalkemm mhux imniżżla fl-Anness, hija identifikata bħala li għet użata għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi;

▼M1

- (c) "importazzjoni" tfisser kwalunkwe dħul ta' sustanzi skedati li għandhom l-istatus ta' merkanzija mhux tal-Unjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni, inklużi ħażna temporanja, it-tqegħid f'żona

⁽¹⁾ Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

⁽²⁾ Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/82/KE tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

▼ **M1**

ħielsa jew maħżen ħieles, it-tqegħid taħt proċedura ta' sospensjoni u r-rilaxx għal ċirkulazzjoni ħielsa skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ⁽¹⁾;

▼ **C1**

- (d) “esportazzjoni” tfisser kwalunkwe ħruġ ta' sustanzi klassifikati mit-territorju doganali ► **M1** tal-Unjoni ◀, inkluż il-ħruġ ta' sustanzi klassifikati li jeħtieġ dikjarazzjoni doganali u l-ħruġ ta' sustanzi klassifikati wara l-ħażna tagħhom f'żona ħielsa taħt kontroll ta' tip I jew maħżen ħieles fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92;
- (e) “attivitajiet intermedjarji” tfisser kwalunkwe attività bil-għan li jsir xiri u bejgħ jew forniture ta' sustanzi klassifikati li ssir minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmira li tilħaq ftehim bejn żewġ partijiet jew taġixxi f'isem mill-anqas waħda minn dawn il-partijiet mingħajr ma tiegħu pussess ta' dawn is-sustanzi jew mingħajr ma tassumi l-kontroll tat-tweqqif ta' tali operazzjoni; din id-definizzjoni għandha wkoll tinkludi kwalunkwe attività li ssir minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita ► **M1** fl-Unjoni ◀ li tinvolvi xiri u bejgħ jew forniture ta' sustanzi klassifikati mingħajr ma dawn is-sustanzi jiġu introdotti ► **M1** fit-territorju doganali tal-Unjoni ◀;
- (f) “operatur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika involuta f'importazzjoni, esportazzjoni ta' sustanzi klassifikati jew attivitajiet intermedjarji relatati magħhom, inklużi persuni li għandhom il-kompitu li jagħmlu dikjarazzjonijiet doganali għal klijenti fuq bażi ta' *self-employed* jew bħala attività prinċipali jew bħala attività sekondarja relatata ma' attività oħra;
- (g) “esportatur” tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli prinċipalment għall-attivitajiet ta' esportazzjoni bis-saħħa tar-relazzjoni ekonomika u legali mas-sustanzi klassifikati u mad-destinatarju li, fejn hu xieraq, jippreżenta d-dikjarazzjoni doganali jew tkun ippreżentata f'ismu;
- (h) “importatur” tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli prinċipalment għall-attivitajiet ta' importazzjoni bis-saħħa tar-relazzjoni ekonomika u legali mas-sustanzi klassifikati u ma' minn jikkonsena u li jippreżenta d-dikjarazzjoni doganali jew li f'ismu tkun ippreżentata d-dikjarazzjoni doganali;
- (i) “destinatarju finali” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika għand min twasslu s-sustanzi klassifikati; din il-persuna tista' tkun differenti mill-utent aħħari;

▼ **M1**

- (j) “prodott naturali” tfisser organiżmu jew parti minnu, fi kwalunkwe forma, jew kwalunkwe sustanza li tinstab fin-natura kif definit fil-punt 39 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾;

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

▼C1

- (k) “Bord Internazzjonali tal-Kontroll tan-Narkotiċi” tfisser il-Bord stabbilit mill-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi, 1961, kif emedata mill-Protokoll ta' l-1972.

KAPITOLU II

MONITORAĠĠ TA' KUMMERĊ*TAQSIMA 1****Dokumentazzjoni u tikkettar****Artikolu 3***▼M1**

L-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u l-attivitajiet kollha intermedjarji li jinvolve sustanzi skedati, bl-eċċezzjoni ta' sustanzi elenkati fil-Kategorija 4 tal-Anness, għandhom jiġu dokumentati mill-operatur permezz ta' dokumenti doganali u kummerċjali, bħal dikjarazzjonijiet sommarji, dikjarazzjonijiet doganali, fatturi, manifesti ta' merkanzija, dokumenti ta' trasport u dokumenti oħra tal-vjeġġi.

▼C1

Dawk id-dokumenti għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-isem tas-sustanza klassifikata kif imniżżla fl-Anness, jew fil-każ ta' taħlita jew prodott naturali, l-isem u l-isem ta' kwalunkwe sustanza klassifikata, kif imniżżla fl-Anness, li tinsab fit-taħlita jew fil-prodott naturali, segwit bit-terminu “PREKURSURI TAD-DROGI”;
- (b) il-kwantità u l-piż tas-sustanza klassifikata u, fil-każ ta' taħlita jew prodott naturali, il-kwantità, il-piż, u jekk disponibbli, il-perċentwali ta' kwalunkwe sustanza klassifikata li hemm fiha, u
- (ċ) l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-esportatur, l-importatur, id-destinatarju finali u, fejn applikabbli, il-persuna involuta fl-attivitajiet intermedjarji.

Artikolu 4

Id-dokumentazzjoni mniżżla fl-Artikolu 3 għandha tinżamm mill-operaturi għal perijodu ta' tliet snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha twettqet l-operazzjoni. Id-dokumentazzjoni għandha tkun organizzata b'tali mod, f'forma elettronika jew fuq karta, li tkun immedjament disponibbli għal spezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fuq talba. Id-dokumentazzjoni tista' tkun fornuta permezz ta' twassil ta' immaġini jew *data* oħra, sakemm id-*data*, meta tinqara, taqbel mad-dokumentazzjoni kemm fil-preżentazzjoni kif ukoll fil-kontenut, tkun disponibbli l-ħin kollu, tista' tinqara mingħajr dewmien u tista' tkun analizzata permezz ta' mezzi awtomatizzati.

▼M1*Artikolu 5*

L-operaturi għandhom jiżguraw li tikketti jitwaħħlu fuq kwalunkwe imballaġġ li fih sustanzi skedati, ħlief sustanzi elenkati fil-Kategorija 4 tal-Anness, bl-indikazzjoni ta' isimhom kif iddikjarati fl-Anness,

▼ M1

jew, fil-każ ta' taħlita jew prodott naturali, isimha u l-isem ta' kwalunkwe sustanza skedata, ħlief sustanzi elenkati fil-Kategorija 4 tal-Anness, kif iddikjarat fl-Anness, li jinsabu fit-taħlita jew fil-prodott naturali. L-operaturi jistgħu, barra minn hekk, iwaħħlu t-tikketti tradizzjonali tagħhom.

▼ C1*TAQSIMA 2****Liċenzjar u reġistrazzjoni ta' operaturi****Artikolu 6***▼ M1**

1. Sakemm mhux previst mod ieħor, l-operaturi stabbiliti fl-Unjoni, ħlief għal aġenti doganali u trasportaturi meta jaġixxu unikament f'dik il-kapaċità, impenjati f'attivitajiet ta' importazzjoni, esportazzjoni jew intermedjarji li jinvolvu sustanzi skedati elenkati fil-Kategorija 1 tal-Anness, għandu jkollhom liċenzja. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit l-operatur għandha toħroġ il-liċenzja.

Meta tikkunsidra jekk tagħtix liċenzja, l-awtorità kompetenti għandha tqis il-kompetenza u l-integrità tal-applikant, b'mod partikolari li ma jkun hemm ebda ksur serju jew ksur ripetut tal-leġislazzjoni fil-qasam tal-prekursuri tad-droga u ebda rekord ta' kwalunkwe reat kriminali gravi.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 30b biex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' liċenzji u biex tiddetermina ta' każijiet fejn liċenzja ma tkunx meħtieġa.

▼ C1

2. Il-liċenza tista' tkun sospiża jew rivotata mill-awtoritajiet kompetenti kull meta l-kundizzjonijiet li taħthom inħarġet il-liċenza mhumix sodisfatti aktar jew fejn hemm raġunijiet tajba biex ikun suspettat li hemm riskju ta' devjazzjoni ta' sustanzi klassifikati.

▼ M1

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mudell għal liċenzji permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 30(2).

Artikolu 7

1. Sakemm mhux previst mod ieħor, operaturi stabbiliti fl-Unjoni, ħlief għal aġenti doganali u trasportaturi meta jaġixxu unikament f'dik il-kapaċità, impenjati f'attivitajiet ta' importazzjoni, esportazzjoni jew intermedjarji li jinvolvu sustanzi skedati elenkati fil-Kategorija 2 tal-Anness, jew l-esportazzjoni ta' sustanzi elenkati fil-Kategorija 3 tal-Anness, għandhom ikunu rreġistrati. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit l-operatur għandha toħroġ ir-reġistrazzjoni.

Meta tikkunsidra jekk tagħtix reġistrazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tqis il-kompetenza u l-integrità tal-applikant, b'mod partikolari li ma jkun hemm ebda ksur serju jew ksur ripetuttal-leġislazzjoni fil-qasam tal-prekursuri tad-droga u ebda rekord ta' kwalunkwe reat kriminali gravi.

▼ M1

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 30b biex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' reġistrazzjonijiet u biex tiddetermina każijiet fejn reġistrazzjoni ma tkunx meħtieġa.

2. L-awtorità kompetenti tista' tissospendi jew tirrevoka r-reġistrazzjoni meta l-kundizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet ir-reġistrazzjoni ma jibqgħux sodisfatti aktar jew fejn hemm raġunijiet tajba biex ikun suspettat li hemm riskju ta' devjazzjoni ta' sustanzi skedati.

Artikolu 8

1. Meta s-sustanzi skedati jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni għall-ħatt jew għat-trasbord, għall-ħażna temporanja, għall-ħażna tagħhom f'żona ħielsa taħt tip ta' kontroll I jew maħżen ħieles, jew għat-tqegħid tagħhom taħt il-proċedura ta' transitu estern tal-Unjoni, l-għanijiet leċiti għandhom ikunu murija mill-operatur wara talba mill-awtoritajiet kompetenti.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 30b biex tistabbilixxi l-kriterji għad-determinazzjoni ta' kif jistgħu jintwerew l-għanijiet leċiti tat-transazzjoni, sabiex ikun żgurat li l-movimenti kollha ta' sustanzi skedati fit-territorju doganali tal-Unjoni jistgħu jiġu ssorveljati mill-awtoritajiet kompetenti u r-riskju ta' devjazzjoni jiġi minimizzat.

▼ C1*TAQSIMA 3****Għoti ta' informazzjoni*****▼ M1***Artikolu 9*

1. Operaturi stabbiliti fl-Unjoni għandhom immedjatement jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bi kwalunkwe ċirkostanza, bħal ordnijiet mhux tas-soltu u transazzjonijiet li jinvolvu sustanzi skedati, li tissuġġerixxi li tali sustanzi maħsuba għal importazzjoni, esportazzjoni jew attivitajiet intermedjarji jistgħu jiġu ddevjati għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.

Għal dak il-għan, l-operaturi għandhom jipprovdu kull informazzjoni disponibbli, bħal:

- (a) l-isem tas-sustanza skedata;
- (b) il-kwantità u l-piż tas-sustanza skedata;
- (c) l-ismijiet u l-indirizzi tal-esportatur, l-importatur, id-destinatarju finali u, fejn applikabbli, il-persuna involuta fl-attivitajiet intermedjarji.

Dik l-informazzjoni għandha tinġabar biss għall-għanijiet ta' prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' sustanzi skedati.

2. L-operaturi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti b'informazzjoni f'forma sommarja dwar l-attivitajiet ta' esportazzjoni, importazzjoni jew intramedjarji tagħhom.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 30b biex tiddetermina l-informazzjoni li hija meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti sabiex ikunu jistgħu jimmonitorjaw dawk l-attivitajiet.

▼M1

Il-Kummissjoni għandha tispeċifika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli proċedurali dwar l-għoti ta' tali informazzjoni, inkluż, fejn xieraq, fil-forma elettronika lid-Database Ewropea dwar prekursori tad-droga stabbilita taħt ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ ("id-Database Ewropea"). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(2).

▼C1*Artikolu 10*

1. Biex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, l-operaturi stabbiliti ►**M1** fl-Unjoni ◀ u l-industrija kimika, b'mod partikulari fir-rigward ta' sustanzi mhux klassifikati, il-Kummissjoni għandha, b'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, tfassal u taġġorna linji gwida.

2. Dawn il-linji gwida għandhom jipprovdu, b'mod partikolari:

- (a) informazzjoni dwar kif jiġu identifikati u notifikati operazzjonijiet suspettużi;
- (b) lista aġġornata regolament ta' sustanzi mhux klassifikati biex l-industrija tkun tista' tissorvelja fuq bażi volontarja l-kummerċ f'tali sustanzi.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-linji gwida jiġu regolament disseminati b'konformità ma' l-oġettivi ta' dawn il-linji gwida.

▼M1

4. Sabiex jirreaġixxu rapidament għal xejriet ġodda ta' devjazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jipproponu li tiżdied sustanza mhux skedata mal-lista msemmija fil-paragrafu 2(b) sabiex temporanjament jimmonitorjaw il-kummerċ tagħha. Arranġamenti u kriterji dettaljati għall-inklużjoni jew it-tħassir minn dik il-lista għandhom jiġu speċifikati fil-linji gwida msemmija fil-paragrafu 1.

5. Jekk il-monitoraġġ volontarju mill-industrija huwa kkunsidrat insuffiċjenti biex jipprevjeni l-użu ta' sustanza mhux skedata għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi, il-Kummissjoni tista' żżid is-sustanza mhux skedata fl-Anness permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 30b.

▼C1*TAQSIMA 4**Notifika ta' qabel l-esportazzjoni**Artikolu 11***▼M1**

1. L-esportazzjoni kollha ta' sustanzi skedati elenkati fil-Kategoriji 1 u 4 tal-Anness u l-esportazzjonijiet ta' sustanzi skedati elenkati fil-Kategoriji 2 u 3 tal-Anness għal ċerti pajjiżi ta' destinazzjoni għandha tkun preċeduta minn notifika ta' qabel l-esportazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni, skont l-Artikolu 12(10) tal-Konvenzjoni

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursori tad-droga (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1).

▼ **M1**

tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 30b ta' dan ir-Regolament sabiex tiddetermina l-listi tal-pajjiżi ta' destinazzjoni għall-esportazzjoni ta' sustanzi skedati elenkati fil-Kategoriji 2 u 3 tal-Anness sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' devjazzjoni ta' sustanzi skedati.

▼ **C1**

Il-pajjiż ta' destinazzjoni għandu jingħata perijodu ta' 15-il jum tax-xogħol biex iwieġeb, li fit-tmiem tiegħu, l-operazzjoni ta' esportazzjoni tista' tiġi awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' esportazzjoni, jekk huma ma jkunux irċewew l-ebda avviż mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni li jindika li din l-operazzjoni ta' esportazzjoni tista' tkun maħsuba għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.

2. Fil-każ tas-sustanzi klassifikati li għandhom jiġu nnotifikati b'konformità mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat għandhom, qabel l-esportazzjoni ta' tali sustanzi, jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 13(1) lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni.

L-awtorità li tissupplixxi tali informazzjoni għandha tesiġi lill-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz li jirċievi l-informazzjoni biex iżżomm kunfidenzjali kwalunkwe sigriet kummerċjali, tan-negozju jew professjonali jew kwalunkwe proċess ta' kummerċ imsemmi fiha.

▼ **M1**

3. Proċeduri ssimplifikati tan-notifika ta' qabel l-esportazzjoni jistgħu jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti fejn huma sodisfatti li dan mhu ser jirriżulta f'ebda riskju ta' devjazzjoni ta' sustanzi skedati. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 30b sabiex tiddetermina tali proċeduri u tistabbilixxi l-kriterji komuni li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti.

▼ **C1***TAQSIMA 5**Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni**Artikolu 12*

1. Esportazzjonijiet ta' sustanzi klassifikati li jeħtieġu dikjarazzjoni doganali, inklużi esportazzjonijiet ta' sustanzi klassifikati li jitolqu ► **M1** mit-territorju doganal tal-Unjoni ◀ wara li jkunu nħażnu f'żona ħielsa taħt kontroll ta' tip I jew maħżen ħieles għal perijodu ta' mill-anqas 10 ijiem, għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni.

Fejn sustanzi klassifikati jkunu esportati mill-ġdid fi żmien 10 ijiem mid-data tat-tqegħid tagħhom taħt proċedura ta' sospensjoni jew taħt żona ħielsa taħt kontroll ta' tip II, m'għandhiex tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni.

▼ **M1**

Madankollu, l-esportazzjoni ta' sustanzi skedati elenkati fil-Kategorija 3 tal-Anness għandha tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni biss fejn notifikati ta' qabel l-esportazzjoni huma meħtieġa.

▼ **C1**

2. Awtorizzazzjonijiet ta' esportazzjoni għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn l-esportatur huwa stabbilt.

Artikolu 13

1. L-applikazzjoni għal awtorizzazzjonijiet ta' esportazzjoni msemija fl-Artikolu 12 għandha jkun fiha mill-anqas dawn li ġejjin:

- (a) l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-esportatur, l-importatur fil-pajjiż terz, kwalunkwe operatur ieħor involut fl-operazzjoni ta' esportazzjoni jew spedizzjoni, u d-destinatarju finali;
- (b) l-isem tas-sustanza klassifikata kif imniżżla fl-Anness, jew fil-każ ta' taħlita jew prodott naturali, isimha u l-kodiċi NM bi 8 numri u l-isem ta' kwalunkwe sustanza klassifikata, kif imniżżla fl-Anness, li tinsab fit-taħlita jew fil-prodott naturali;
- (ċ) il-kwantità u l-piż tas-sustanza klassifikata u, fil-każ ta' taħlita jew prodott naturali, il-kwantità, il-piż, u jekk disponibbli, il-perċentwali ta' kwalunkwe sustanza klassifikata li hemm fiha;
- (d) dettalji ta' l-arranġamenti tat-trasport, bħad-data prevista ta' dispaċċ, il-metodu tat-trasport, l-isem ta' l-uffiċċju doganali fejn id-dikjarazzjoni doganali għandha ssir u, fejn disponibbli f'dan l-istadju, l-identifikazzjoni tal-mezzi ta' trasport, itenerarju, punt ta' ħruġ previst ► **M1** mit-territorju doganali tal-Unjoni ◀ u l-punt ta' dħul fil-pajjiż ta' importazzjoni;
- (e) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 17, kopja ta' l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni maħruġa mill-pajjiż ta' destinazzjoni; u
- (f) in-numru tal-liċenza jew reġistrazzjoni msemmi fl-Artikoli 6 u 7.

▼ **M1**

Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni ta' sustanzi skedati elenkati fil-Kategorija 4 tal-Anness għandu jkun fiha l-informazzjoni li tinsab fil-punti (a) sa (e) tal-ewwel subparagrafu.

▼ **C1**

2. Deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tittieħed fi żmien perijodu ta' 15-il jum ta' xogħol mid-data li fiha l-awtorità kompetenti tikkunsidra li l-fajl huwa komplet.

Dak il-perijodu għandu jiġi estiż jekk, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 17, l-awtoritajiet kompetenti huma obbligati li jagħmlu aktar sħarriġ skond it-tieni subparagrafu ta' dak l-Artikolu.

Artikolu 14

1. Jekk id-dettalji dwar l-itenerarju u l-mezzi ta' trasport mhumiex provduti fl-applikazzjoni, l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tiddikjara li l-operatur għandu jforni daww id-dettalji lill-uffiċċju doganali ta' ħruġ jew awtoritajiet kompetenti oħrajn fil-punt ta' ħruġ ► **M1** mit-territorju doganali tal-Unjoni ◀ qabel it-tluq fiżiku tal-konsenja. F'tali każijiet l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun annotata kif meħtieġ fil-ħin tal-ħruġ.

▼C1

Fejn l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni hija ppreżentata lil uffiċċju doganali fi Stat Membru li mhux l-istess wieħed ta' l-awtorità ta' ħruġ, l-esportatur għandu, fuq talba, jagħmel disponibbli kwalunkwe traduzzjoni ċċertifikata ta' partijiet mill-informazzjoni jew ta' l-informazzjoni kollha fl-awtorizzazzjoni.

2. L-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-uffiċċju doganali meta ssir d-dikjarazzjoni doganali, jew fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni doganali, fl-uffiċċju doganali ta' ħruġ jew awtoritajiet kompetenti oħrajn fil-punt ta' ħruġ ►**M1** mit-territorju doganali tal-Unjoni ◄. L-awtorizzazzjoni għandha takkumpanja l-konsenja lill-pajjiż terz ta' destinazzjoni.

L-uffiċċju doganali ta' ħruġ jew awtoritajiet kompetenti oħrajn fil-punt ta' ħruġ ►**M1** mit-territorju doganali tal-Unjoni ◄ għandhom idaħħlu d-dettalji meħtieġa msemminja fl-Artikolu 13(1)(d) fl-awtorizzazzjoni u jagħmlu t-timbru tagħhom fuqha.

Artikolu 15

Mingħajr preġudizzju għal miżuri adottati b'konformità ma' l-Artikolu 26(3), l-għoti ta' awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandu jiġi miċħud jekk:

- (a) dettalji furnuti b'konformità ma' l-Artikolu 13(1) mhumiex kompluti;
- (b) hemm raġunijiet tajba biex jiġi suspettat li d-dettalji furnuti b'konformità ma' l-Artikolu 13(1) huma foloz jew mhux korretti;
- (ċ) fil-każijiet msemminjin fl-Artikolu 17, huwa stabbilit li l-importazzjoni tas-sustanzi klassifikati ma ġietx awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni, jew
- (d) hemm raġunijiet tajba biex ikun suspettat li s-sustanzi in kwistjoni huma maħsuba għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi.

Artikolu 16

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissospendu jew jirrevokaw awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni kull meta jkun hemm raġunijiet tajba biex ikun suspettat li s-sustanzi huma maħsuba għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.

Artikolu 17

Kull meta, skond ftehim bejn ►**M1** l-Unjoni ◄ u pajjiż terz, esportazzjonijiet m'għandhomx ikunu awtorizzati sakemm ma tkunx inħarġet awtorizzazzjoni ta' importazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż terz għas-sustanzi in kwistjoni, il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni operattiva miksuba minnu.

L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jaċċertaw li tali awtorizzazzjoni ta' importazzjoni hija awtentika, jekk meħtieġ billi jitolbu konferma mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz.

▼ C1*Artikolu 18*

Il-perijodu ta' validità ta' l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni li fih il-merkanzija kellha tiltaq ► **M1** mit-territorju Doganali tal-Unjoni ◄ m'għandux jaqbeż is-sitt xhur mid-data tal-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-perijodu ta' validità jista' jiġi estiż, fuq talba.

▼ M1*Artikolu 19*

Proċeduri ssimplifikati biex tingħata awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni jistgħu jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti fejn huma jkunu sodisfatti li dan mhux ser jirriżulta f'xi riskju ta' devjazzjoni ta' sustanzi skedati. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 30b biex tiddetermina tali proċeduri u tistabbilixxi l-kriterji komuni li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti.

▼ C1*TAQSIMA 6**Awtorizzazzjoni ta' importazzjoni**Artikolu 20*

Importazzjonijiet ta' sustanzi klassifikati elenkati fil-Kategorija 1 ta' l-Anness għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni. Awtorizzazzjoni ta' importazzjoni tista' tingħata biss lil operatur stabbilit ► **M1** fl-Unjoni ◄. L-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandha toħroġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn l-esportatur huwa stabbilit.

▼ M1

Madankollu, fejn is-sustanzi msemmija fl-ewwel paragrafu 1 jinħattu jew jiġu trasbordati, f'ħażna temporanja, jinħażnu f'żona hielisa tat-tip ta' kontroll I jew f'maħżen ħieles, jew mqiegħda taħt il-proċedura ta' transitu estern tal-Unjoni, tali awtorizzazzjoni ta' importazzjoni ma tkunx meħtieġa.

▼ C1*Artikolu 21*

1. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 20 għandha jkun fiha mill-anqas dawn li ġejjin:

- (a) l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-importatur, l-esportatur fil-pajjiż terz, kwalunkwe operatur ieħor involut u d-destinatarju finali;
- (b) l-isem tas-sustanza klassifikata kif imniżżla fl-Anness, jew fil-każ ta' taħlita jew prodott naturali, isimha u l-kodiċi NM bi 8 numri u l-isem tas-sustanza klassifikata, kif imniżżla fl-Anness, fit-taħlita jew fil-prodott naturali;
- (ċ) il-kwantità u l-piż tas-sustanza klassifikata u, fil-każ ta' taħlita jew prodott naturali, il-kwantità, il-piż, u jekk disponibbli, il-perċentwali ta' kwalunkwe sustanza klassifikata li hemm fiha;

▼C1

(d) jekk disponibbli, dettalji ta' l-arranġamenti ta' trasport, bħal metodi u mezzi ta' trasport, u data u post ta' attivitajiet previsti ta' importazzjoni, u

(e) in-numru tal-liċenza jew reġistrazzjoni msemmi fl-Artikoli 6 u 7.

2. Deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandha tittieħed fi żmien perijodu ta' 15-il jum ta' xogħol mid-data li fiha l-awtorità kompetenti tikkunsidra li l-fajl huwa komplet.

Artikolu 22

L-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandha takkumpanja l-konsenja mill-punt ta' dħul ►**M1** fit-territorju doganali tal-Unjoni ◀ sa l-uffiċċji ta' l-importatur jew destinatarju finali.

L-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-uffiċċju doganali meta s-sustanzi klassifikati huma dikjarati għal proċedura doganali.

Fejn l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni hija ppreżentata lil uffiċċju doganali fi Stat Membru li mhux l-istess wieħed ta' l-awtorità ta' ħruġ, l-importatur għandu, fuq talba, jagħmel disponibbli kwalunkwe traduzzjoni ċċertifikata ta' partijiet mill-informazzjoni jew l-informazzjoni kollha fl-awtorizzazzjoni.

Artikolu 23

Mingħajr preġudizzju għal miżuri adottati b'konformità ma' l-Artikolu 26(3), l-għoti ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandu jiġi miċħud jekk:

- (a) dettalji fornuti b'konformità ma' l-Artikolu 21(1) mhumienx kompluti;
- (b) hemm raġunijiet tajba biex jiġi suspettat li d-dettalji fornuti b'konformità ma' l-Artikolu 21(1) fl-applikazzjoni huma foloz jew mhux korretti, jew
- (ċ) hemm raġunijiet tajba biex ikun suspettat li s-sustanzi klassifikati huma maħsuba għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi.

Artikolu 24

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissospendu jew jirrevokaw l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni kull meta jkun hemm raġunijiet tajba biex ikun suspettat li s-sustanzi huma maħsuba għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.

Artikolu 25

Il-perijodu ta' validità ta' l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni li fih is-sustanzi klassifikati ddaħħlu fit-territorju doganali ►**M1** tal-Unjoni ◀ m'għandux jaqbeż is-sitt xhur mid-data tal-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-perijodu ta' validità jista' jiġi estiż, fuq talba.

▼C1

KAPITOLU III

SETGĦAT TA' L-AWTORITAJIET KOMPETENTI

*Artikolu 26***▼M1**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 11 sa 25 u għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jipprojbixxu d-dħul ta' sustanzi skedati fit-territorju doganali tal-Unjoni jew it-tluq tagħhom minnu, meta hemm raġunijiet tajba biex ikun suspettat li dawn is-sustanzi huma maħsuba għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi.

▼C1

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu jew jissospendu r-rilaxx tas-sustanzi klassifikati għaż-żmien li huwa meħtieġ biex tiġi vverifikata l-identifikazzjoni tas-sustanzi klassifikati jew il-konformità mar-regoli ta' dan ir-Regolament.

3. Kull Stat Membru għandu jadotta l-miżuri meħtieġa li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti biex, b'mod partikolari:

- (a) jiksibu informazzjoni dwar kwalunkwe ordni għal jew operazzjonijiet li jinvolve sustanzi klassifikati;
- (b) jidħlu fl-uffiċċji tan-negozju ta' l-operaturi sabiex tinkiseb evidenza dwar irregolaritajiet;
- (ċ) jistabbilixxu li twettqet devjazzjoni jew twettaq tentattiv ta' devjazzjoni ta' sustanzi klassifikati.

▼M1

3a. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandu jipprojbixxi d-dħul ta' kunsinni ta' sustanzi mhux skedati fit-territorju doganali tal-Unjoni jew it-tluq tagħhom minnu fejn ikun hemm evidenza biżżejjed li dawk is-sustanzi huma maħsuba għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.

L-awtorità kompetenti għandha immedjatement tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni dwar dan, billi tuża l-proċedura msemmija fl-Artikolu 27.

Dawk is-sustanzi għandhom jiġu kkunsidrati bħala li huma proposti biex jiżdiedu mal-lista ta' sustanzi mhux skedati msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 10(2).

3b. Kull Stat Membru jista' jadotta l-miżuri meħtieġa biex l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkunu f'pożizzjoni li jikkontrollaw u jimmonitorjaw transazzjonijiet suspettużi li jinvolve sustanzi mhux skedati, b'mod partikolari:

- (a) biex jakkwistaw informazzjoni rigward kwalunkwe ordnijiet għal sustanzi mhux skedati jew operazzjonijiet li jinvolvehom;
- (b) li jidħlu fil-bini tan-negozju sabiex jiksibu evidenza ta' transazzjonijiet suspettużi li jinvolve sustanzi mhux skedati.

▼C1

4. Għall-għan li jipprevjenu riskji speċifiċi ta' devjazzjoni f'żoni ħielsa kif ukoll f'żoni sensittivi oħrajn bħal imħażen doganali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu applikati kontrolli effettivi għal

▼ **C1**

operazzjonijiet li jitwettqu f'dawn iż-żoni f'kull stadju ta' dawn l-operazzjonijiet, u li l-kontrolli mhumiex inqas iebsin minn daww applikati f'partijiet oħrajn tat-territorju doganali.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu lill-operaturi biex iħallsu għall-ħruġ ta' liċenzi, reġistrazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet. Tali ħlasijiet għandhom isiru b'mod mhux diskriminatorju u m'għandhomx jaqbu l-ispiża approssimattiva ta' l-ipproċessar ta' l-applikazzjoni.

KAPITOLU IV

KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 27

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 515/97 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni l-isem ta' l-awtoritajiet kompetenti maħtura biex jaġixxu bħala korrispondenti b'konformità ma' l-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament.

KAPITOLU V

▼ **M1**

ATTI DDELEGATI U TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 28

B'żieda mal-miżuri msemmija fl-Artikolu 26, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, fejn meħtieġ, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, miżuri biex tiżgura l-monitoraġġ effettiv ta' kummerċ tal-prekursuri tad-droga bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, b'mod partikolari fir-rigward tad-disinn u l-użu ta' formoli għall-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni u l-importazzjoni, għall-għan tal-prevenzjoni tad-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga. Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(2).

Artikolu 30

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meħjuna mill-Kumitat tal-Prekursuri tad-Drogi⁽¹⁾. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 30a

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 30b ta' dan ir-Regolament sabiex tadatta l-Anness tiegħu għal

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

▼ **M1**

xejriet ġodda fid-devjazzjoni tal-prekursuri tad-drogi, b'mod partikolari sustanzi li jistgħu faċilment jiġu ttrasformati f'sustanzi skedati, u biex issewwi kwalunkwe emenda għat-tabelli fl-Anness għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti.

Artikolu 30b

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija kkonferita fuq il-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(2), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2), l-Artikolu 10(5), l-Artikolu 11(1) u (3), l-Artikoli 19 u 30a u l-Artikolu 32(2) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mit-30 ta' Diċembru 2013. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi bl-istess tul ta' żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(2), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2), l-Artikolu 10(5), l-Artikolu 11(1) u (3), l-Artikoli 19 u 30a u l-Artikolu 32(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' atti ddelegati diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(2), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2), l-Artikolu 10(5), l-Artikolu 11(1) u (3), l-Artikoli 19 u 30a u l-Artikolu 32(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressal-ebda oġġezzjoni għalih mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn minn meta dak l-att ikun ġie nnotifikat lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jitwal b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

▼ **C1**

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*Artikolu 31*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali li japplikaw għal ksur tad- dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u

▼C1

għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li huma jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

▼M1*Artikolu 32*

1. L-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru għandhom jikkomunikaw fil-ħin lill-Kummissjoni f'forma elettronika permezz tad-Database Ewropea l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' monitoraġġ stabbiliti f'dan ir-Regolament, partikolarment rigward sustanzi użati għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi u metodi ta' devjazzjoni u manifattura illeċita, u l-kummerċ leċitu tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 30b sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti rigward l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, tevalwa l-effettività ta' dan ir-Regolament u, skont l-Artikolu 12 (12) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, tfassal rapport annwali li għandu jiġi ppreżentat lill-Bord Internazzjonali tal-Kontroll tan-Narkotiċi.

4. Il-Kummissjoni għandha tissottometti sal-31 ta' Diċembru 2019 rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari dwar il-possibilità tal-ħtieġa ta' attività addizzjonali biex jiġu immonitorjati u kkontrollati transazzjonijiet suspettużi b'sustanzi mhux skedati

Artikolu 32a

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jużaw id-database Ewropea skont il-kundizzjonijiet għall-użu tagħha għall-funzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-iffaċilitar tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni skont l-Artikolu 32(1), kif ukoll ir-rappurtaġġ lill-Bord Internazzjonali ta' Kontroll tan-Narkotiċi skont Artikolu 32(2);
- (b) il-ġestjoni tar-reġistru Ewropew tal-operaturi, li ngħataw liċenzja jew reġistrazzjoni;
- (c) biex l-operaturi ikunu jistgħu jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar l-esportazzjoni, l-importazzjoni jew attivitajiet intermedjarji tagħhom skont l-Artikolu 9(2), f'forma elettronika.

Artikolu 33

1. L-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandu jsir skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jittrasponu d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ u taħt is-superviżjoni tal-awtorità ta' superviżjoni tal-Istat Membru msemmija fl-Artikolu 28 ta' dik id-Direttiva.

⁽¹⁾ Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru, 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

▼ **M1**

2. L-ipproċessar tad-data personali mill-Kummissjoni, inkluż għall-fini tad-database Ewropea, għandu jitwettaq skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ u taħt is-superviżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

3. L-ebda kategorija speċjali ta' data fit-tifsira tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46/KE m'għandha tiġi pproċessata għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

4. Id-data personali miġbura għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament m'għandhiex tkun ipproċessata ulterjorment b'mod inkonsistenti mad-Direttiva 95/46/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u m'għandhiex tinżamm aktar milli meħtieġ għall-għanijiet li għalihom kienet miġbura.

5. L-Istati Membri u l-Kummissjoni ma għandhomx jipproċessaw data personali b'mod li ma jkunx kompatibbli mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 32a.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 tad-Direttiva 95/46/KE, id-data personali li tinkiseb jew tiġi pproċessata skont dan ir-Regolament għandha tintuża għall-fini tal-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' sustanzi skedati.

▼ **C1***Artikolu 34*

Ir-Regolament (KEE) Nru 3677/90 huwa rrevokat b'effett mit-18 ta' Awwissu 2005.

Ir-referenzi għar-Regolament revokat għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 35

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mit-18 ta' Awwissu 2005. Madankollu, l-Artikoli 6(1), 7(2), 8(2), 9(2), 11(1) u (3), 12(1), 19, 28 u 30 għandhom japplikaw sa mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex jippermettu l-adozzjoni tal-miżuri previsti f'dawk l-Artikoli. Tali miżuri għandhom jidħlu fis-seħħ l-aktar kmieni fit-18 ta' Awwissu 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

▼ C1

ANNEX

▼ M1

Lista ta' sustanzi skedati

▼ C1

Kategorija 1

Sustanza	Denominazzjoni NM (jekk differenti)	Kodiċi NM ⁽¹⁾	Nru SAK ⁽²⁾
1-Fenil-2-propanon	Fenilaċeton	2914 31 00	103-79-7
▼ <u>M6</u>			
Dietil (fenilaċetil) propanedioat (DEPAPD)		2918 30 00	20320-59-6
▼ <u>M4</u>			
Metil <i>alfa</i> -fenilaċetoaċetat (MAPA)		2918 30 00	16648-44-5
▼ <u>M5</u>			
Etil <i>alfa</i> -fenilaċetoaċetat (EAPA) ⁽⁴⁾		Ex 2918 30 00	5413-05-8
▼ <u>M7</u>			
2-metil-3-fenilossiran-2-aċidu karbossiliku (aċidu gliċidiku BMK) ⁽⁶⁾		2918 99 90	25547-51-7
▼ <u>C1</u>			
Aċidu N-aċetilantraniku	Aċidu 2-Aċetamidobenżojku	2924 23 00	89-52-1
▼ <u>M4</u>			
<i>Alfa</i> -fenilaċetoacetamid (APAA)		2924 29 70	4433-77-6
<i>Alfa</i> -fenilaċetoacetanitril (APAAN)		2926 40 00	4468-48-8
▼ <u>C1</u>			
Isosafrol (cis + trans)		2932 91 00	120-58-1
3,4-Metilendiossifenilpropan-2-on	1-(1,3-Benżodiossol-5-yl)propan-2-on	2932 92 00	4676-39-5
Piperonal		2932 93 00	120-57-0
Safrol		2932 94 00	94-59-7
▼ <u>M7</u>			
▼ <u>M5</u>			
Metil 3-osso-2-(3,4-metilenediossi-fenil)butanoat (MAMDPA) ⁽⁵⁾	Metil 3-osso-2-(3,4-metilenediossifenil)butanoat	Ex 2932 99 00	1369021-80-6

▼ **M4**

▼ **M7**

▼ **M6**

▼ **C1**

▼ **M2**

▼ **C1**

Sustanza	Denominazzjoni NM (jekk differenti)	Kodiċi NM ⁽¹⁾	Nru SAK ⁽²⁾
3-(1,3-benżodiossol-5-il)-2-metilos- siran-2-aċidu karbossiliku (aċidu gliċidiku PMK)) ⁽⁷⁾		2932 99 00	2167189-50-4
Malonat tal-isopropiliden (2-(3,4- metilendiossifenil)aċetil) (IMDPAM) ⁽⁸⁾	IMDPAM	2932 99 00	[]
N-fenil-1-(2-feniletil)piperidin-4- ammina	4-anilino-N- fenetilpiperi- dina (ANPP)	2933 36 00	21409-26-7
1-(2-feniletil)piperidin-4-on	N-fenetil-4-piperidon (NPP)	2933 37 00	39742-60-4
N-fenilpiperidin-4-ammina (4-AP)		2933 39 99	23056-29-3
Tert-butyl 4-anilinopiperidina-1- karbossilat (1-boc-4-AP)		2933 39 99	125541-22-2
N-fenil-N-(piperidina-4-il)propa- nammid (norfentanil)		2933 39 99	1609-66-1
Efedrin		2939 41 00	299-42-3
Pseudoefedrin		2939 42 00	90-82-4
Norefedrin		► M1 2939 44 00 ◀	14838-15-4
Ergometrin		2939 61 00	60-79-7
Ergotamin		2939 62 00	113-15-5
Aċidu liserġiku		2939 63 00	82-58-6
(1R,2S)-(-)-kloroefedrina		► M4 2939 79 90 ◀	110925-64-9
(1S,2R)-(+)-kloroefedrina		► M4 2939 79 90 ◀	1384199-95-4
(1S,2S)-(+)-kloropsewdoefedrina		► M4 2939 79 90 ◀	73393-61-0
(1R,2R)-(-)-kloropsewdoefedrina		► M4 2939 79 90 ◀	771434-80-1

Il-forom stereoizomeriċi tas-sustanzi mniżżla f'din il-Kategorija li mhumiex katina ⁽³⁾ kull meta l-preżenza ta' tali forom hija possibbli.

L-imluħa tas-sustanzi mniżżla f'din il-Kategorija kull meta l-preżenza ta' tali mluħa hija possibbli u li mhumiex l-imluħa ta' katina.

⁽¹⁾ ĠU L 290, 28.10.2002, p. 1.

⁽²⁾ In-Nru SAK "Chemical Abstracts Service Registry Number" huwa numru ta' identifikazzjoni uniku speċifiku għal kwalunkwe sustanza u għall-istruttura tagħha. In-Nru KAS huwa speċifiku għal kwalunkwe iżomeru u għal kwalunkwe melħ ta' kwalunkwe iżomeru. Għandu jiġi mifhum li n-Nri KAS għall-imluħa tas-sustanzi mniżżlin hawn fuq ser ikunu differenti minn dawh mogħtija.

⁽³⁾ Imsejħa wkoll (+)-norpseudoefedrin, Kodiċi NM 2939 43 00, Nru SAK 492-39-7.

⁽⁴⁾ Magħruf ukoll bħala etil 3-osso-2-fenilbutanoat, skont il-IUPAC (l-Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata).

⁽⁵⁾ Magħruf ukoll bħala metil 2-(2H-1,3-benżodiossol-5-il)-3-ossobutanoat, skont il-IUPAC.

⁽⁶⁾ U l-esteri tal-etil, tal-metil (Nru CAS 80532-66-7), tal-propil, tal-isopropil, tal-butyl, tal-isobutyl, tas-sek-butyl u tat-tert-butyl tiegħu, bl-istess kodiċi NM bħall-aċidu gliċidiku BMK.

⁽⁷⁾ U l-esteri tal-etil (Nru CAS 28578-16-7), tal-metil (Nru CAS 13605-48-6), tal-propil, tal-isopropil, tal-butyl, tal-isobutyl, tas-sek-butyl u tat-tert-butyl tiegħu, bl-istess kodiċi NM bħall-aċidu gliċidiku PMK.

⁽⁸⁾ Magħruf ukoll bħala 5-[2-(1,3-benżodiossol-5-il)aċetil]-2,2-dimetil-1,3-diossan-4,6-dion, skont l-IUPAC (L-Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata).

▼ **C1****Kategorija 2**▼ **M4**▼ **C1**

Sustanza	Denominazzjoni NM (jekk differenti)	Kodiċi NM ⁽¹⁾	Nru SAK ⁽²⁾
Fosforu aħmar		► M7 2804 70 10 ◀	7723-14-0
Anidride Aċetiku		2915 24 00	108-24-7
Aċidu fenilaċetiku		2916 34 00	103-82-2
Aċidu antraniliku		► M4 ► C2 2922 43 00 ◀ ◀	118-92-3
Piperidin		2933 32 00	110-89-4
Permanganat tal-potassju		2841 61 00	7722-64-7

L-imluħa tas-sustanzi mniżżla f'din il-Kategorija kull meta l-preżenza ta' tali mluħa hija possibbli.

⁽¹⁾ ĠU L 290, 28.10.2002, p. 1.

⁽²⁾ In-Nru SAK "Numru tar-Reġistru tas-Servizz Astratt Kimiku" huwa numru ta' identifikazzjoni uniku speċifiku għal kull sustanza u għall-istruttura tagħha. In-Nru SAK huwa speċifiku għal kull iżomeru u għal kull melħ ta' kull iżomeru. Għandu jiġi mifhum li n-Nri SAK għall-imluħa tas-sustanzi mniżżlin hawn fuq ser ikunu differenti minn dawk mogħtija.

Kategorija 3

Sustanza	Denominazzjoni NM (jekk differenti)	Kodiċi NM ⁽¹⁾	Nru SAK ⁽²⁾
Aċidu idrokloriku	Klorur ta' l-idroġenu	2806 10 00	7647-01-0
Aċidu sulforiku		► M4 2807 00 00 ◀	7664-93-9
Toluwen		2902 30 00	108-88-3
Etere etiliku	Etere dietiliku	2909 11 00	60-29-7
Aċetun		2914 11 00	67-64-1
Metiletilketon	Butanon	2914 12 00	78-93-3

L-imluħa tas-sustanzi mniżżla f'din il-Kategorija kull meta l-preżenza ta' tali mluħa hija possibbli u li mhumix l-imluħa ta' aċidu idrokloriku u aċidu sulforiku.

⁽¹⁾ ĠU L 290, 28.10.2002, p. 1.

⁽²⁾ In-Nru SAK "Chemical Abstracts Service Registry Number" huwa numru ta' identifikazzjoni uniku speċifiku għal kwalunkwe sustanza u għall-istruttura tagħha. In-Nru KAS huwa speċifiku għal kwalunkwe iżomeru u għal kwalunkwe melħ ta' kwalunkwe iżomeru. Għandu jiġi mifhum li n-Nri KAS għall-imluħa tas-sustanzi mniżżlin hawn fuq ser ikunu differenti minn dawk mogħtija.

▼ **M1****Kategorija 4**

Sustanza	Desinjazzjoni NM (jekk hi differenti)	Kodiċi NM
Prodotti mediċinali u prodotti mediċinali veterinarji li fihom l-efedrina jew l-imluħ tagħha	Fihom l-efedrina jew l-imluħ tagħha	► M4 3003 41 00 ◀ ► M4 3004 41 00 ◀
Prodotti mediċinali u prodotti mediċinali veterinarji li fihom il-psewdoefedrina jew l-imluħ tagħha	Fihom il-psewdoefedrina (INN) jew l-imluħ tagħha	► M4 3003 42 00 ◀ ► M4 3004 42 00 ◀